**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Matthew Spagnol**

**Vs**

**Francesco Zuccaro**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Francesco Zuccaro, ta' 44 sena, iben Giacomo u Merina nee' Pappalardo imwieled nhar l-20 ta' Frar 1973 gewwa San Giovanna, l-Italja, minghajr residenza fissa f'Malta, u detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana numru AS8992200;

Talli nhar is-17 ta' Gunju, 2017, ghall-habta tad-disgha w kwart ta' filghaxija (21:15hrs), gewwa l-fond 62, Lousenne, Triq is-Sidra, Swieqi:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Agatino Privatera f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Agatino Privatera, liema offiza hija ta' natura gravi u gabet sfregju gravi w permanenti fil-wicc.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-11 ta' Lulju, 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti kellha ghalhekk tittratta sommarjament mal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati u ghalhekk ser tghaddi ghas-sentenza fil-konfront tieghu. Il-Qorti semghet lill-parti leza, persuna ta' nazzjonalita' Taljana, tixhed u tghid li m'ghandha ebda pretensjoni kontra l-imputat. Huma jafu lil xulxin sew, it-tnejn kollegi fuq il-post tax-xoghol, u kien biss f'mument ta' esasperazzjoni li l-imputat hebb ghal Privitera u kkagunalu l-ferita fil-qarquca ta' widintu. Il-Qorti semghet ix-xhieda f'dan il-kaz, u semghet kif inqala' l-argument assurd bejn Privitera u l-imputat, li b'risultat wassal ghall-ferita gravi gia' deskritta. Il-Qorti semghet ukoll lit-tabiba li kkurat lil Privitera, u li esaminatu anke seduta stante, u kkonfermat li kellu bzonn il-punti f'widintu l-leminija u kif, minkejja li kienet qed tfiq, il-ferita ser thalli marka permanenti li ghalkemm tista' titjieb maz-zmien, ser thalli sfregju f'dik il-widna. Semghet ukoll lil Dr Mario Scerri, nominat bhala espert tal-Qorti, li ukoll esamina lil Privitera seduta stante u wkoll ikkonferma li l-ferita ser thalli dannu permanenti u apparenti fil-widna, ghalkemm tista' tfiq ahjar fix-xhur li gejjin u tkun tidher inqas.

Il-Qorti ghalhekk qieset dawn ic-cirkostanzi kollha. L-imputat ghandu fedina penali netta. Ma jidherx li ghandu karattru refrattarju; anzi, pjuttost il-kontra, minn kif xehdu l-persuni li jafuh. Kien mument ta' frustrazzjoni u ta' esasperazzjoni minhabba f'diversi cirkostanzi ta' hajtu li wassluh biex jaggredixxi lil Privitera, haga li evidentement kien iddispjacih hafna li ghamel. In vista wkoll tad-dikjarazzjoni tal-parti leza li ma kellu ebda pretensjoni kontra l-imputat, u li kienu ghadhom hbieb sew bejniethom, il-Qorti ser taghti piena ta' prigunerija – minhabba fil-gravita' tal-griehi kkawzati minn – izda ser izzomm l-istess piena sospiza ghal terminu skond il-ligi, peress illi l-Qorti hi tal-fehma li dan l-incident, ghalkemm gravi, ma jimmeritax habs effettiv.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**